# L-ISTUDJI SOĊJALI

## Sillabu għat-Tielet Sena Sekondarja (Ġenerali u *Option*)




**Id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning**

**George A. Said-Zammit**
**Anthony Borg**
**Brian Chircop**
**Astrid J. Tonna**
**Lana Turner**
**Therese M. Vella**

## Programm tal-Istudji Soċjali għat-Tielet Sena Sekondarja (Klassijiet Ġenerali u *Option*)

### 1. Razzjonal

Dan il-programm ta' studju jew sillabu jkompli jibni fuq il-bażi li tkun ingħatat fl-Ewwel u t-Tieni Sena tal-Iskola Sekondarja bil-ħsieb li jsaħħaħ il-ħiliet u l-attitudnijiet ċiviċi marbuta mal-ħajja tal-istudenti-ċittadini responsabbli f'soċjetà demokratika. L-Istudji Soċjali għandu jwassal għal għarfien aħjar tal-ħajja soċjali u għal aktar effiċjenza fl-impenn ċiviku. Għarfien soċjali jfisser tagħrif sħiħ tal-aspetti soċjali tal-ħajja tal-bniedem – relazzjonijiet bejn il-bnedmin u bejn dawn u l-ambjent, id-diversità tal-kulturi, il-bixriet fl-imġiba tal-bniedem li jista' jinfluwenza d-direzzjoni tas-soċjetà lejn futur aħjar. L-effiċjenza ċivika, mill-banda l-oħra, hi msejsa fuq dawk il-ħiliet, il-valuri u l-attitudnijiet li jnisslu fl-individwu l-motivazzjoni meħtieġa biex jipparteċipa b'mod attiv fil-ħajja tal-komunità.

### 2. Oġġettivi

L-għanijiet ta' dan is-sillabu huma dawn li ġejjin:

1. Jagħti tagħrif korrett u aġġornat fuq ġrajjiet u proċessi soċjali li jkunu qed iseħħu fis-soċjetà kontemporanja u li jkunu ta' interess għall-istudenti;
2. Jintroduċi, ifiehem, u japplika kunċetti tal-Istudji Soċjali bażiċi;
3. Jiżviluppa fl-istudenti il-ħiliet ta' osservazzjoni, investigazzjoni u interpretazzjoni;
4. Inissel fl-istudenti sens ta' parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali, rispett lejn id-drittijiet tal-oħrajn, u apprezzament ta' kulturi differenti;
5. Jikkultiva għarfien kritiku dwar żviluppi riċenti f'kuntest lokali, Ewropew u internazzjonali, u
6. Jgħin lill-istudenti biex japplikaw oqsma ta' għerf fil-ħajja personali tagħhom.



**3. Strateġiji**

L-għalliem għandu jippreżenta l-lezzjonijiet b'mod stimulanti u interessanti biex l-istudenti jifhmu aħjar il-kunċetti li jkunu qegħdin jiġu spjegati. Jeħtieġ ukoll li fix-xogħol li jingħata lill-istudenti jinżamm bilanċ bejn il-komponenti differenti, li huma:

1. *Għerf u fehma*

Waqt il-kors tal-Istudji Soċjali l-istudenti jiġu mħarrġa biex:

- Juru għarfien u fehma dwar *issues* soċjali kontemporanji, b'mod partikolari fejn jirrigwarda s-soċjetà Maltija f'kuntest Ewro-Mediterranju u globali;
- Juru l-fehma tagħhom dwar kif is-soċjetajiet jiżviluppaw permezz tal-interazzjoni bejn l-istituzzjonijiet soċjali u l-imġiba tal-bniedem, u
- Juru fehma dwar kunċetti, ideat, u prinċipji tal-Istudji Soċjali, u kif dawn jistgħu jiġu applikati fil-ħajja personali tagħhom.

2. *Ħiliet*

Waqt il-kors tal-Istudji Soċjali l-istudenti jiġu mħarrġa biex:

- Japplikaw l-għerf tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' ħajja reali;
- Jinterpretaw dejta, kemm miktuba u/jew grafika, u
- Jippreżentaw argument loġiku bl-użu tat-terminoloġija korretta.

3. *Valuri u attitudnijiet*

Waqt il-kors tal-Istudji Soċjali l-istudenti jiġu mħarrga biex:

- Juru li huma konxji dwar *issues* li jikkonċernaw l-inugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll dwar diskriminazzjoni politika, reliġjuża u razzjali;
- Juru kif opinjonijiet u valuri differenti jaffettwaw il-ħajja tagħna ta' kuljum f'soċjetà multikulturali, u
- Juru rispett u solidarjetà lejn is-soċjetà sħiħa.



**4. X’Se Ngħallmu?**

Qed jiġu proposti diversi temi b’implikazzjonijiet soċjali. Il-firxa wiesgħa ta’ dawn it-temi jew aħjar, *issues*, hi maħsuba għall-klassijiet ġenerali u għal dawk li jieħdu l-Istudji Soċjali bħala suġġett speċjali, kif indikat fis-sillabu. It-temi f’dan is-sillabu għandhom iservu ta’ bażi u tħejjija għall-eżami taċ-ĊES fl-aħħar tal-kors sekondarju, u għaldaqstant huma relatati mas-sillabu tal-Istudji Ambjentali (fil-każ tal-Klassijiet Ġenerali) u tal-Istudji Soċjali (fil-każ tal-Klassijiet *Option*) taċ-ĊES.

# SOCIAL STUDIES

**IT-TIELET SENA SEKONDARJA (KLASSIJIET ĠENERALI)**

**TEMI: Sitwazzjonijiet Soċjali jew *Issues* li l-istudenti f'dan il-livell huma mistennija li jiddiskutu**:

| Tema | Noti | Riżultati fil-Mira | Referenza |
|---|---|---|---|
| **1. Iċ-Ċittadin – Valuri Ċiviċi, Ħiliet Soċjali** | • Definizzjoni ta' ċittadin?<br>• Il-proċess ta' soċjalizzazzjoni: normi u valuri ċiviċi bħala mezz ta' għaqda soċjali.<br>• Ir-rwoli li kull persuna għandha fis-soċjetà lokali, nazzjonali u globali.<br>• Bilanċ bejn drittijiet u dmirijiet.<br>• Kontroll soċjali permezz ta' sanzjonijiet pożittivi u negattivi. | L-istudenti<br>• Jifhmu x'inhi soċjetà u x'jagħmel persuna biex tkun ċittadin.<br>• Jagħmlu differenza bejn normi u valuri u japplikaw it-teorija f'kuntest prattiku.<br>• Jispjegaw x'inhi għaqda soċjali billi jagħtu eżempji mill-ħajja tagħhom ta' kuljum.<br>• Juru kif bħala membri ta' komunità huma għandhom diversi dmirijiet u drittijiet.<br>• Juru d-differenza bejn identità lokali, nazzjonali, Ewropea u globali permezz ta' eżempji.<br>• Jispjegaw x'inhu kontroll soċjali u juru d-differenza bejn sanzjonijiet pożittivi u negattivi. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Ambjentali: Tema 1 – Id-Dinja: id-Dar Tagħna (Is-Soċjetà Umana)** |
| **2. Il-Komunità Lokali** | • Definizzjoni ta' komunità lokali.<br>• Il-persuni li jgħixu fi ħdan il-komunità (it-tfal, iż-żgħażagħ, l-anzjani, persuni bi ħtiġijiet diversi).<br>• L-istituzzjonijiet fi ħdan il-komunità: il-famlja, istituzzjonijiet reliġjużi, edukattivi, soċjali, tas-saħħa, politiċi, legali, kulturali, u sportivi.<br>• Ir-relazzjonijiet soċjali bejn dawn l- | L-istudenti<br>• Jifhmu x'inhi komunità lokali.<br>• Juru li l-komunità hija magħmula minn persuni differenti, u li dawn kollha għandhom rwol importanti fis-soċjetà.<br>• Jispjegaw ir-rwol ta' diversi istituzzjonijiet fi ħdan il-komunità lokali u jagħtu eżempji konkreti biex juru kif dawn qed jgħinu fl-iżvilupp tal-komunità. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Ambjentali: Tema 4 – Il-Komunitajiet Umani (Il-Komunità Lokali)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet u l-individwu. | • Japplikaw l-idea ta' komunità f'esperjenzi reali biex juru kif persuna tista' tiżviluppa ruħha f'dawn l-istituzzjonijiet bil-kontribuzzjoni attiva tagħha. | |
| **3. Il-Wirt Kulturali Malti** | • Il-kultura bħala mod kif il-bniedem jgħix.<br>• L-elementi ewlenin li jiffurmaw l-identità kulturali ta' poplu.<br>• In-normi bħala mezz ta' koeżjoni soċjali fis-soċjetà Maltija.<br>• Drawwiet marbuta mal-mod kif il-Maltin jiċċelebraw festi reliġjużi u mhux reliġjużi, ċelebrazzjonijiet familjari, u avvenimenti sportivi.<br>• Ir-rwol tal-valuri (ir-rispett, l-opportunitajiet indaqs, u li naċċettaw id-differenzi ta' xulxin) fl-iżvilupp tas-soċjetà.<br>• Elementi multikulutrali fil-kultura Maltija. | L-istudenti<br>• Jifhmu x'inhi kultura.<br>• Jifhmu u jispjegaw x'inhuma l-elementi ewlenin li fuqhom hija bbażata identità kulturali ta' poplu jew ta' pajjiż.<br>• Jispjegaw kif in-normi tas-soċjetà Maltija jikkontribwixxu biex ikun hemm koeżjoni soċjali.<br>• Jispjegaw eżempji differenti ta' drawwiet lokali marbutin mar-reliġjon, il-kultura, sports, u l-familja.<br>• Juru permezz ta' esperjenzi reali l-importanza tar-rispett lejn xulxin, l-opportunitajiet indaqs u d-diversità.<br>• Jispjegaw u janalizzaw kif in-normi u l-valuri tas-soċjetà jinbidlu maż-żmien.<br>• Jispjegaw x'inhi soċjetà multikulturali u janalizzaw kif il-kultura Maltija qed isir dejjem iżjed multikulturali. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Ambjentali: Tema 4 – Il-Komunitajiet Umani (Il-Wirt Kulturali Malti)** |
| **4. L-Edukazzjoni Tul il-Ħajja** | • L-edukazzjoni bħala dritt fundamentali tal-bniedem.<br>• L-iżvilupp tar-riżorsi umani f'Malta.<br>• L-edukazzjoni bħala mezz tal-iżvilupp tar-riżorsi umani.<br>• L-importanza tal-edukazzjoni tul il-ħajja.<br>• L-immaniġġjar tar-riżorsi umani u l- | L-istudenti<br>• Juru li jafu x'inhi edukazzjoni u jifhmu l-importanza tagħha bħala dritt fundamentali tal-bniedem.<br>• Jifhmu l-vantaġġi tal-edukazzjoni tul il-ħajja u l-importanza tagħha.<br>• Jispjegaw kif l-edukazzjoni tgħin biex jitjiebu r-riżorsi umani tal-pajjiż. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Ambjentali: Tema 2 – L-Immaniġġjar tar-Riżorsi (Ir-Riżorsi Umani)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | implikazzjonijiet tiegħu (l-istituzzjonijiet, is-servizzi soċjali, ix-xogħol). | • Janalizzaw kif ir-riżorsi umani f'Malta ġew żviluppati matul l-aħħar ħamsin sena.<br>• Jiddiskutu kif l-immaniġġjar tar-riżorsi umani jħalli impatt fuq istituzzjonijiet differenti, is-servizzi soċjali u x-xogħol. | |
| **5. Lejn Edukazzjoni u Paċi Globali** | • L-edukazzjoni li twassal għal ċittadinanza globali.<br>• L-iżvilupp taż-żgħażagħ f'ċittadini globali.<br>• L-impenn tal-iskejjel u l-għalliema biex iħarrġu lill-istudenti f'ħiliet ta' ċittadinanza globali.<br>• Eżempji partikulari ta' prattika tajba fl-iskejjel: Ekoskola, Ġimgħa għal Edukazzjoni Globali (*Global Education Week*), Żgħażagħ Ġurnalisti għall-Ambjent (*Young Reporters for the Environment*), proġetti ta' *Comenius* u *e-Twinning*.<br>• Il-kontribut ta' Malta fil-proċess ta' paċi fl-Ewropa u fir-reġjun tal-Mediterran mill-Indipendenza lil hawn. | L-istudenti<br>• Jifhmu x'inhi ċittadinanza globali u kemm din hija rilevanti għaż-żgħażagħ tal-lum.<br>• Japplikaw it-teorija fil-prattika biex jispjegaw kif l-iskejjel u l-għalliema qed jgħinuhom b'mod attiv biex isiru ċittadini globali.<br>• Jispjegaw il-vantaġġi li proġetti edukattivi fl-iskejjel u bejn l-iskejjel ikollhom biex iż-żgħażagħ irawmu mentalità ta' ċittadinanza globali.<br>• Jispjegaw u janalizzaw ġrajjiet li fihom Malta kienet ta' kontribut għall-paċi fil-Mediterran u fl-Ewropa, pereżempju l-Laqgħat tal-5+5 u l-involviment ta' Malta fil-kunflitt tal-Libja. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Ambjentali: Tema 1 – Id-Dinja: id-Dar Tagħna (Is-Soċjetà Umana)** |

# SOCIAL STUDIES

**IT-TIELET SENA SEKONDARJA (KLASSIJIET *OPTION*)**

**TEMI: Sitwazzjonijiet Soċjali jew *Issues* li l-istudenti f'dan il-livell huma mistennija li jiddiskutu**:

| Tema | Noti | Riżultati fil-Mira | Referenza |
|---|---|---|---|
| **1. L-individwu bħala ħlejqa soċjali** | • Il-persuna bħala individwu uniku u jien min jien.<br>• Il-persuna bħala ħlejqa soċjali – l-ebda bniedem m'hu gżira.<br>• Il-persuna bħala membru fil-komunità.<br>• L-imġiba soċjali: interazzjoni, relazzjonijiet, kunflitti, indipendenza u interdipendenza.<br>• Is-soċjetà ċivili. | L-istudenti<br>• Juru xi tfisser li tkun persuna unika.<br>• Jispjegaw għaliex kull bniedem għandu bżonn li jgħix f'komunità.<br>• Jispjegaw ir-rwol tal-persuna fil-komunità.<br>• Jispjegaw x'inhuma interazzjonijiet soċjali u kif persuni differenti jistgħu jibnu jew jheddu relazzjonijiet bejniethom.<br>• Juru d-differenza bejn indipendenza u interdipendenza billi jagħtu eżempji.<br>• Jispjegaw xi tfisser soċjetà ċivili. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 1 – L-Individwu u s-Soċjetà (L-Individwu bħala Ħlejqa Soċjali)** |
| **2. Il-Komunità Lokali** | • Definizzjoni ta' komunità.<br>• In-nies li jgħixu fi ħdan il-komunità (it-tfal, iż-żgħażagħ, l-anzjani, persuni bi ħtiġijiet diversi).<br>• Ir-rwol ta' dawn il-membri differenti fi ħdan il-komunità u kif dawn jgħinu fil-bini u l-iżvilupp komunitarju.<br>• Bidliet li saru fil-komunità lokali minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija. | L-istudenti<br>• Juru li l-komunità hija magħmula minn persuni differenti, u li dawn kollha għandhom rwol importanti fil-ħolqien ta' sens komunitarju.<br>• Jispjegaw ir-rwol ta' diversi istituzzjonijiet fi ħdan il-komunità lokali u jagħtu eżempji konkreti biex juru kif dawn qed jgħinu fl-iżvilupp tal-komunita, pereżempju l-Kunsilli Lokali.<br>• Japplikaw it-teorija soċjoloġika f'esperjenzi reali biex juru kif persuna tista' tiżviluppa ruħha f'dawn l-istituzzjonijiet bil-kontribuzzjoni attiva tagħha. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 1 – L-Individwu u s-Soċjetà (Soċjalizzazzjoni)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | • Juru li fehmu li l-komunità hija ħajja u tinbidel maż-żmien. | |
| **3. Iċ-Ċittadin – Valuri Ċiviċi u Ħiliet Soċjali** | • Definizzjoni ta' ċittadin.<br>• X'tistenna s-soċjetà miċ-ċittadini tagħha u x'jistenna ċ-ċittadin mis-soċjetà.<br>• Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bnedem: bilanċ bejn drittijiet u dmirijiet.<br>• Normi u valuri bħala mezz ta' għaqda soċjali.<br>• Identità lokali, nazzjonali, Ewropea u globali. | L-istudenti<br>• Jagħtu definizzjoni ta' x'inhu ċittadin.<br>• Jispjegaw x'inhu mistenni minn kull ċittadin fil-komunità li jgħix fiha u x'jistenna ċ-ċittadin mis-soċjetà.<br>• Juru x'inhi d-differenza bejn normi u valuri u kif dawn iwasslu għall-għaqda soċjali.<br>• Juru d-differenza bejn u jispjegaw x'inhi identità lokali, nazzjonali, Ewropea u globali. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 1 – L-Individwu u s-Soċjetà (L-Individwu bħala Ħlejqa Soċjali)** |
| **4. Is-Soċjalizzazzjoni** | • Definizzjoni ta' soċjalizzazzjoni.<br>• Tipi differenti ta' soċjalizzazzjoni: primarja u sekondarja.<br>• L-aġenti tas-soċjalizzazzjoni: il-familja, ir-reliġjon, l-iskejjel, il-*peer group*, il-mass media, u l-post tax-xogħol.<br>• Is-soċjalizzazzjoni fis-soċjetà moderna: il-klassi soċjali, il-ġeneru, l-età, u gruppi etniċi.<br>• Id-devjanza, il-kriminalità u l-kontroll soċjali u l-użu ta' sanzjonijiet. | L-istudenti<br>• Jifhmu u jispjegaw x'inhi soċjalizzazzjoni.<br>• Jużaw it-teorija f'esperjenzi reali biex juru d-differenza bejn soċjalizzazzjoni primarja u sekondarja.<br>• Jispjegaw l-importanza u r-rwol tal-aġenti tas-soċjalizzazzjoni.<br>• Jispjegaw termini soċjoloġiċi bħalma huma: klassi soċjali, ġeneru u gruppi etniċi.<br>• Japplikaw it-teorija soċjoloġika f'esperjenzi jew eżempji mis-soċjetà kontemporanja sabiex juru li fehmu xi tfisser persuna devjanti.<br>• Janalizzaw xi jwassal biex persuna tirrikorri għall-kriminalità.<br>• Jispjegaw x'inhu kontroll soċjali u kif dan jinżamm permezz ta' sanzjonijiet pożittivi jew negattivi. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 1 – L-Individwu u s-Soċjetà (Soċjalizzazzjoni)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **5. Il-Gruppi** | • Definizzjoni ta' x'inhu grupp.<br>• Tipi differenti ta' gruppi u r-rwoli tagħhom (pereżempju *peer groups*, gruppi ta' pressjoni, gruppi ta' interess, gruppi etniċi).<br>• L-iżvilupp ta' grupp.<br>• Rwoli u kunflitti fil-grupp.<br>• Konformità u non-konformità. | L-istudenti<br>• Juru li jafu x'inhu grupp billi jagħtu eżempji.<br>• Jispjegaw il-proċessi ewlenin li jwasslu għall-formazzjoni u l-iżvilupp ta' grupp.<br>• Jispjegaw l-importanza li jkun hemm rwoli differenti fil-grupp u kif kunflitti bejn il-membri jistgħu jwasslu biex tissaħħaħ id-dinamika tal-grupp.<br>• Juru d-differenza bejn konformità u non-konformità. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 1 – L-Individwu u s-Soċjetà (Il-Gruppi)** |
| **6. Kulturi u Identitajiet** | • Definizzjoni ta' kultura.<br>• L-elementi ewlenin li jsawru l-kultura u jagħtu identità.<br>• Eżempji ta' diversità kulturali (fil-familja, fil-komunità u fis-soċjetà ġenerali).<br>• Is-sottokulturi.<br>• Tibdil kulturali.<br>• Il-kontinwità u l-bidla fil-kultura – tradizzjonali u moderna. | L-istudenti<br>• Ifissru x'inhi kultura u jispjegaw l-elementi ewlenin li jsawwruha.<br>• Jispjegaw il-vantaġġi tad-diversità kulturali f'ambjenti differenti.<br>• Ifissru x'inhuma sottokulturi u jispjegaw kif dawn jiżviluppaw u jaffettwaw mhux biss lill-membri tagħhom stess, iżda wkoll lill-kultura dominanti.<br>• Janalizzaw il-fatturi ewlenin li jwasslu għal tibdil fil-kultura.<br>• Juru d-differenza bejn kultura tradizzjonali u moderna u jagħtu eżempji differenti biex juru kif dawn jinbidlu maż-żmien. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 1 – L-Individwu u s-Soċjetà (Kulturi u Identitajiet)** |
| **7. Il-Familja** | • Tipi differenti ta' familja (tradizzjonali, simetrika, patrijarkali, matrijarkali).<br>• Ir-rwoli, ir-responsabbiltajiet u d-drittijiet tal-membri tal-familja.<br>• Il-funzjonijiet tal-familja (soċjali, | L-istudenti<br>• Juru d-differenza bejn it-tipi differenti ta' familja.<br>• Jispjegaw u jiddiskutu l-irwoli, ir-responsabbiltajiet u d-drittijiet tal-membri tal-familja. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 2 – L-Istituzzjonijiet Soċjali (Il-Familja)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | edukattivi, ekonomiċi, sesswali, riproduttivi, u psikoloġiċi).<br>• Forom ta' familji (nukleari, estiżi, estiżi modifikati, b'ġenitur wieħed, tal-istess sess, adottivi, koabitazzjoni).<br>• Tipi ta' żwiġijiet (monogamija, poligamija, poliandrija, tal-istess sess).<br>• Il-familja li qed tinbidel u miżuri favur il-familja.<br>• Il-Liġi dwar il-Familja (1993) - (l-ugwaljanza bejn l-imsieħba, il-kunsens tal-ġenituri, teħid ta' deċiżjonijiet konġunti).<br>• Il-Kummissjoni Nazzjonali dwar il-Familja. | • Janalizzaw il-funzjonijiet tal-familja.<br>• Japplikaw it-teorija soċjoloġika biex jispjegaw u jiddiskutu forom differenti ta' familji.<br>• Juru d-differenza bejn monogamija, poligamija, poliandrija u żwiġijiet tal-istess sess.<br>• Janalizzaw il-fatturi ewlenin li qed iwasslu biex il-familja kontemporanja tinbidel.<br>• Jispjegaw il-bidliet ewlenin li ġabet magħha l-Liġi dwar il-Familja tal-1993.<br>• Jispjegaw ir-rwol tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar il-Familja. | |
| **8. L-Edukazzjoni** | • L-edukazzjoni bħala dritt bażiku tal-bniedem.<br>• Id-differenza bejn l-edukazzjoni u t-tagħlim.<br>• Edukazzjoni tal-Istat u mhux tal-Istat.<br>• Edukazzjoni formali, informali u nonformali.<br>• Il-Kurrikulu Nazzjonali u l-kurrikulu moħbi.<br>• Sistemi ta' edukazzjoni formali (skejjel tal-kindergarten, primarji, sekondarji, sekondarji ogħla, vokazzjonali, u għall-adulti).<br>• Edukazzjoni inklużiva.<br>• It-tagħlim għal tul il-ħajja.<br>• Il-mobbiltà tal-istudenti u | L-istudenti<br>• Jispjegaw għaliex l-edukazzjoni hija dritt bażiku.<br>• Juru x'inhi d-differenza bejn l-edukazzjoni u t-tagħlim.<br>• Jiddeskrivu u jispjegaw liema istituzzjonijiet fil-pajjiż ifornu servizzi ta' edukazzjoni.<br>• Juru d-differenza bejn edukazzjoni formali, informali u nonformali, billi jagħtu eżempji mis-soċjetà Maltija.<br>• Ifissru x'inhu kurrikulu nazzjonali u x'inhi d-differenza bejn dan u kurrikulu moħbi.<br>• Jispjegaw livelli jew tipi differenti ta' edukazzjoni formali.<br>• Jispjegaw il-vantaġġi li fl-iskejjel tagħna | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 2 – L-Istituzzjonijiet Soċjali (L-Edukazzjoni)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | opportunitajiet biex dawn jistudjaw barra minn pajjiżhom.<br>• Definizzjoni ta' edukazzjoni għal ċittadinanza globali u kif iż-żgħażagħ jistgħu jiġu mgħallma jkunu ċittadini globali. | tingħata edukazzjoni inklużiva.<br>• Ifissru x'inhi edukazzjoni għal tul il-ħajja u għaliex huwa importanti li f'soċjetà kompetittiva persuna tibqa' aġġornata ma' għerf u ħiliet ġodda.<br>• Jagħtu eżempji konkreti ta' kif iż-żgħażagħ jistgħu jibbenefikaw minn programmi edukattivi barra minn pajjiżhom.<br>• Jifhmu x'inhi ċittadinanza globali u kemm din hija rilevanti għaż-żgħażagħ tal-lum. | |

# SOCIAL STUDIES




**5. Metodoloġija**

Kull tema għandha tiġi żviluppata b'mod dettaljat u ppreżentata b'mod li tgħin lill-istudenti jifhmuha aktar. Għal dan il-għan, tista' titħaddem din il-proċedura:

1. Preżentazzjoni tat-tema.
2. Tifsir tat-tema fejn l-emfasi jkun fuq l-implikazzjonijiet soċjali, il-kunċetti soċjoloġiċi u l-proċessi soċjali.
3. Eżempji ta' **Informazzjoni, Ħiliet** u **Attitudnijiet** marbutin mat-tema u li huma mistennija mill-istudenti f'dan il-livell tal-kors sekondarju. L-għalliema għandhom jaraw li jilħqu dawn it-tliet oġġettivi (**Għarfien, Ħiliet** u **Attitudnijiet**) fil-lezzjonijiet li jkunu qed jittrattaw it-tema.
4. Minn żmien għal żmien u b'mod regolari, għandha ssir valutazzjoni tal-kontenut (jiġifieri, kemm għadu rileventi għall-istudenti) u tal-pedagoġija li tintuża.

**6. L-Użu ta' Riżorsi Differenti u l-ICT**

It-tagħlim tal-Istudji Soċjali jsir aktar interessanti u rilevanti għall-istudenti meta l-għalliem jagħmel użu minn riżorsi ta' tagħlim differenti. Fost dawn wieħed jista' jsemmi:

1. Riżorsi viżivi, bħal stampi, *cartoons*, u *video-clips* li jkunu jiffukaw fuq temi partikolari;
2. *Power-point presentations* li jistgħu jsiru kemm mill-għalliem kif ukoll mill-istudent;
3. Sorsi minn gazzetti, rivisti, u kotba adattati (lokali u/jew barranin), u
4. Websajts lokali u barranin.

Id-dinja tal-internet u l-kompjuter hija d-dinja tal-istudent tal-lum. Għalhekk, l-*interactive whiteboard* u l-internet fil-klassi huma meqjusa bħala għodda importanti fit-tagħlim tal-Istudji Soċjali.

**7. Oġġettivi għall-Assessjar**

L-assessjar għandu jittestja kemm l-istudenti jkunu kapaċi:

1. Jesprimu b'mod kreattiv fatti li jolqtu s-soċjetà Maltija f'kuntest Ewro-Mediterranju u internazzjonali;
2. Janalizzaw u jinterpretaw informazzjoni u dejta li tingħata lilhom f'sorsi differenti jew permezz ta' statistika;
3. Jużaw it-terminoloġija korretta li tapplika għall-Istudji Soċjali;
4. Japplikaw it-teorija soċjoloġika u l-ħiliet rilevanti f'kuntest prattiku u fil-ħajja personali tagħhom, u
5. Juru li huma aġġornati ma' dak kollu li qed jiġri madwarhom kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment.



L-assessjar fl-Istudji Soċjali jista' jkun:

1. **Summattiv**: l-istudenti jagħmlu tipi differenti ta' eżerċizzji bħal *homework*, testijiet u eżamijiet biex jitkejjel il-livell ta' suċċess li huma jkunu kisbu f'parti partikolari ta' dan il-programm. Dan it-tip ta' assessjar jagħti indikazzjoni fejn l-istudent jista' jtejjeb l-għerf, il-ħiliet, u l-attitudnijiet tiegħu. Iċ-Ċirkulari CMeLD 136/2012 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning fit-18 ta' Settembru 2012 tispjega kif il-karti tal-eżamijiet annwali tal-Istudji Soċjali jiġu mfassla.

Ix-xogħol li jingħata lill-istudenti għad-dar (*homework*) għandu jkun:

1. fuq bażi regolari u jkun rilevanti għal dak li huma jkunu tgħallmu;
2. varjat kemm jista' jkun (komponimenti, *source questions*, *objective questions*, eċċ);
3. differenzjat skont il-ħiliet differenti tagħhom;
4. rilevanti mal-Iskema tax-Xogħol u integrali għat-tagħlim tas-suġġett, u
5. il-korrezzjoni tax-xogħol tforni appoġġ pożittiv u formattiv għall-istudenti, filwaqt li tindika fejn l-istudent jista' jtejjeb il-ħiliet tiegħu.

2. **Formattiv**: l-istudenti jagħmlu eżerċizzji jew attivitajiet differenti li jgħinuhom jikbru u jiżviluppaw soċjalment u psikoloġikament. L-Istudji Soċjali huwa kors dwar is-soċjetà, għalhekk l-għalliem għandu jinkoraġġixxi attivitaijiet li jinvolvu l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti. Fost dawn hemm ir-*role play*, xogħol fi gruppi, *pair work*, u preżentazzjonijiet li jsiru mill-istudenti għall-istudenti. Dawn l-attivitajiet jistgħu jsiru mhux biss fil-klassi, iżda wkoll waqt *school assemblies*, funzjonijiet reliġjużi/ekumeniċi, *concerts*, attivitajiet tal-iskola, kif ukoll barra mill-iskola. L-assessjar formattiv jgħin lill-istudenti biex jitgħallmu jorganizzaw ruħhom, jaħdmu fi gruppi, jittolleraw l-ideat ta' xulxin, ikunu kapaċi jieħdu deċiżjoni, jikkomunikaw mal-oħrajn, u jirriflettu fuq dak li jkunu għamlu huma stess. Fuq kollox, dan it-tip ta' assessjar jgħin lill-istudenti biex ikunu ċittadini attivi fis-soċjetà tagħhom.

Qasam importanti ieħor ta' assessjar formattiv huma l-attivitajiet li jseħħu barra mill-iskola. Żjajjar f'istituzzjonijiet rilevanti, bħalma huma l-Qorti, il-Parlament, u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fost oħrajn, jagħtu lill-istudenti esperjenza unika dwar kif l-istituzzjonijiet ewlenin tal-Pajjiż jiffunzjonaw f'soċjetà demokratika. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti fi proġetti bejn l-iskejjel għandha ċertament tiġi mħeġġa.

## 8. Referenzi Importanti

Baldacchino, G. (1999). *Ninvestigaw is-Soċjetà*. Malta: PEG.
Ċentru Fidi u Ġustizzja (2003). *Ibda Għix fid-Dinja- Ġabra ta' Informazzjoni u Attivitajiet dwar Problemi Soċjali*. Malta: Offset Press Ltd.
Chircop, B. (Ed.) (2011). *Studji Soċjali – Nifhmu l-Ġenn tas-Soċjetà*. Malta: BDL Publications
Gatt, A. (2008). *Ekwopedja*. Malta: Outlook Coop.

## 9. Qari Addizzjonali

Cutajar, J. & Cassar, G. (Eds.) (2009). *Social Transitions in Maltese Society*. Malta: Agenda.
Fiehn, T., Fiehn, J. & Miller, A. (2006). *Citizenship Studies for Key Stage 4 and GCSE*. London: Hodder Murray.
JRS Malta (2005). *Saħħa fid-Diversità - Riżorsi għall-Għalliema*. Malta: JRS Malta.
Macionis, J.J. and Plummer, K. (2008). *Sociology - A Global Introduction* (3rd edition). Pearson Education Ltd.
Moore, S. (2001). *Sociology Alive* (3rd edition). Gloucestershire: Nelson Thornes.
Wales, J. (2009). *Citizenship Today*. London: Harper Collins Publishing.

## 10. Kuntatt

Curriculum Centre Annexe,
Sarria Street,
Floriana FRN 1460,
Malta.
Tel. 2598 2608
Email: george.said.zammit@ilearn.edu.mt.
Websajt: www.curriculum.gov.mt